# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 120/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Sciberras talli fi Triq il-Merkanti, gewwa l-Belt Valletta, nhar it-13 ta' Lulju, 2000, ghall-habta tal-11.00 a.m. (**1**) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju jew b'mod iehor, (**2**) hebb kontra l-persuna ta' Matthew Mirabelli sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, (**3**) imbotta lil haddiehor fit-triq biex iwegghu jew jinsulentah, u (**4**) volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` l-kamera fotografika, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri izda ma tiskorrix il-hamsin lira, a dannu tal-imsemmi Matthew Mirabelli;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti illiberat lill-imsemmi Sciberras mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-19 ta' Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum kif ukoll semghet bil-gurament lill-Ispettur tal-Pulizija David Saliba; ikkunsidrat:

Dana l-appell tista' tghid huwa identiku, ghal dawk li huma aggravji u fatti relevanti, ghall-appell li ghadu kif gie deciz illum stess fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Jesus Mary sive Jesmond Muscat*** (Appell nru. 119/2001 VDG). L-unika

differenza hija li f'dan il-kaz wahda mill-imputazzjonijiet – ir-raba' imputazzjoni – tipotizza deitt u mhux kontravvenzjoni. Mill-bqija kollox hu l-istess ghal dawk li huma differimenti u r-ragunijiet ghad-differimenti, u l-fatt li fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2001 il-prosekuzzjoni giet il-qorti minghajr ma kienet ghamlet xoxgholha li tharrek ix-xhieda, inkluzi l-esperti. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza fl-appell imsemmi. Ghall-istess ragunijiet migjuba f'dik is-sentenza, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur